MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 392/2012

Justin **Fenech u Amanda Lee Stivala**

**Vs**

**Christian Muscat u Agnes Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ l-atturi pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar id-19 ta’ Novembru, 2012 fejn esponew bir-rispett:

1. *“Illi l-esponenti gew a konoxxenza tal-fatt illi giet registrata ipoteka specjali mill-intimati fuq id-dar b’zewg bibien numerati tmienja u ghoxrin (28) u tletin (30) bl-isem ta’ ‘Hniena Divina’ fi Triq il-Qalb Imqaddsa Rahal il-Gdid (Dok A);*
2. *Illi l-esponenti kienu akkwistaw l-imsemmija dar minghand l-intimati skond kuntratt datat tnejn u ghoxrin (22) ta’ Settembru 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien;*
3. *Illi minn ricerki li ghamlu l-esponenti irrizulta li tali iskrizzjoni saret bis-sahha ta’ titolu ezekuttiv allegatament akkwistat mill-intimati bis-sahha ta’ ittra ufficjali pprezentata minnhom ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar it-18 ta’ April 2011 (Dok B);*
4. *Illi l-esponenti qatt ma gew notifikati b’din l-ittra ufficjali;*
5. *Illi minn harsa lejn l-istess ittra ufficjali jirrizulta li din inbghatet f’indirizz li ma huwiex dak ta’ l-esponenti u li ma kienux jirrisjedu fih u ukoll li mhux ir-rikorrenti gew notifikati izda certu Kyle Farrugia li min-numru tal-karta ta’ l-identita’ tieghu jirrizulta li fiz-zmien in kwistjoni kellu biss hmistax-il sena;*
6. *Illi dwar l-indirizz ta’ l-esponenti l-intimati kienu ben konsapevoli li l-indirizz indikat fl-ittra ufficjali ma kienx dak ta’ l-esponenti in vista ukoll ta’ korrispondenza li kienet qed tigi skambjata bejn il-partijiet (Dok C);*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh fi zmien gimghatejn mil-lum;*

2. *Tiddikjara bhala null u konsegwentament tirrexindi t-titolu ezekuttiv ottenut mill-intimati in segwitu ghall-Ittra Ufficjali pprezentata ai termini ta' l-Art. 166A (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ai termini ta' l-Art. 166A(5)(1);*
3. *Tordna notifika ta' l-istess decizjoni lid-Direttur tar-Registru Pubbliku;*

*U dana taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni."*

Rat ir-risposta ta' **Christian Muscat u martu Agnes Muscat** li giet prezentata fit-28 ta' Novembru 2012 fejn eccepew:

*"Illi fl-ewwel lok ghandu jinghad illi wara diversi tentattivi biex jigu notifikati fil-post 82, Triq is-Sacred Heart, Paola, li sussegwentement sar numru 28 u 30 ghax il-post fih zewg bibien, biex tintbaghat anke ittra registrata dan bl-ebda mod ma kien possibbli ghaliex la Justin Fenech u lanqas Amanda Stivala ma kienu joqoghdu fil-post. L-esponenti kienu jmorru spiss ifittxuhom u anke jistaqsu lill-girien u kienu jghidulhom li ma kien hemm joqghod hadd. Illi wara tiftix illi sar irrizulta illi Amanda Stivala u Justin Fenech kienu qeghdin jikkonvivu taht l-istess saqaf ma' omm Amanda Stivala fl-indirizz taghha fiz-Zejtun.*

*Illi hemm suspett fondat illi z-zaghzugh illi ffirma fuq ir-ricevuta tal-posta huwa iben Amanda Lee Stivala.*

*Illi ma hemm l-ebda dubju li Justin Fenech u Amanda Lee Stivala jikkonvivu u anke l-kuntratt sar f'isimhom it-tnejn.*

*Illi jidher anke mid-dokument esebiti illi l-iskrizzjoni tal-ipoteka saret f'Lulju 2011 u minn dak iz-zmien sal-lum ghaddew sena u tlett xhur.*

*Illi huwa risaput li ghal kull min ghandu interess l-iskrizzjoni ipotekarja u kull iskrizzjoni fir-Registru Pubbliku tibda tghodd mid-data ta' tali iskrizzjoni.*

*Illi l-Artikolu 166A(5) jaghmilha tassattiva illi d-debitur kellu ghoxrin gurnata biex jista' jagixxi mill-ewwel notifika tal-att illi gie registrat fir-Registru Pubbliku. Illi titlu ezekuttiv jista' jigi naturalment registrat fir-Registru Pubbliku u dik hija mod ta' esekuzzjoni tieghu.*

*Illi barra minn hekk l-Artikolu 187(1) tal-Kap 12 jaghmilha cara illi kull notifika tista' ssir f'idejn persuna illi ma jkollhiex inqas minn erbatax-il sena. F'dan il-kaz tifel li twieled fl-1996, f'April 2011 kellu aktar min erbatax-il sena.*

*Ghaldaqstant kemm ghar-ragunijiet legali u kemm ghar-ragunijiet fattwali t-talbiet ghandhom jigu michuda."*

**Justin Fenech** xehed fil-25 ta' Frar 2013 fejn iddikjara li huwa qatt ma ra l-ittra ufficjali li saret u li dwarha sussegwentament giet registrata ipoteka specjali fuq id-dar 30, Hniena Divina, Triq il-Qalb Imqaddsa, Paola. L-indirizz fejn kien joqghod u ghadu joqghod huwa 28/30, Triq il-Qalb ta' Gesu, Paola u dan huwa l-istess font li huma xtraw minghand l-intimati konjugi Muscat u li fil-passat kien numru 82. Huwa

stqarr illi hu mhux mizzewweg lil Amanda Leah Stivala, izda hija l-partner tieghu u jghixu flimkien.

L-attur spjega li l-indirizz Block F, Flat 1, Qasam Hal-Tmiem, Zejtun huwa l-indirizz tal-genituri ta’ Amanda Leah Stivala. Karl Farrugia huwa t-tifel ta’ Amanda Leah Stivala u ghandu sittax il-sena. Dan mhux it-tifel tal-attur. Pero’ huwa u Amanda ghandhom tfal in komuni. It-tifel ta’ Amanda jghix ghand in-nanna, u cioe’ l-genituri materni tieghu.

Huwa stqarr illi dwar din il-propjeta kien hemm kwestjoni bejnu u bejn l-intimati dwar is-soqfa peress li fil-fehma tieghu kellhom xi difett. Huwa gie muri ittra a fol 8 mibghutha mill-initmati lill-attur, u spjega li din hija l-ittra li baghtu lill-intimati. Sussegwentament l-avukat difensur tal-intimati kien wiegeb din l-ittra billi baghat ir-risposta tieghu fl-indirizz taghom gewwa Paola. Huwa jahdem bhala IT Manager u jahdem hinijiet twal. Huwa dejjem jigi notifikat Paola.

In kontro-ezami huwa kkonferma li l-pulizija kienu sabu diffikulta biex jinnotifikawh. Huma kienu hallewlu xi nota u l-attur kien ikkomunika maghhom. Huwa cahad li kien hemm xi zmien meta huwa u Amanda kienu qeghdin jghixu ghand il-genituri taghha gewwa z-Zejtun. Mitlub jesebixxi kopja tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma fuq il-font tieghu gewwa Rahal Gdid minn Jannar sa April 2011, iprometta li jaghmel dan fis-seduta li jmiss. It-tifel ta’ Amanda kien imur l-iskola De La Salle u kien hemm perjodu wkoll meta ghex maghhom. Pero’ ilu hafna ma jghix maghhom.

**Emeriziana Agius** xehdet fil-15 ta’ Mejju 2013 fejn iddikjarat li hija qed tixhed ghan-nom u in raprezentanza tal-ufficju elettorali. B’referenza ghal Justin Fenech detentur

tal-karta tal-identita' numru 51382(M), qalet li bejn il-perjodu ta' 22 ta' Settembru 2005 u 31 ta' Mejju 2011 huwa kellu l-karta tal-identita' registrata fuq il-post. Bejn April 2005 u Ottubru 2007 huwa kien irregistrat Flying Dutchman, Triq il-Qrempuc, Marsascala filwaqt illi minn April 2008 sa Ottubru 2011 huwa kien registrat fil-proprjeta 28, Triq il-Qalb ta' Gesu, Paola.

Ix-xhud spjegat li dwar Amanda Leah Stivala detentrici tal-karta tal-identita' numru 2479(M) minn April 2005 sa April 2007 hija kienet registrata fuq Flat 1, Qasam Hal Tmiem, Block F, Zejtun. Minn Ottubru 2007 sa Ottubru 2011 kienet registrata fuq 30, il-Hniena Divina, Triq il-Qalb ta' Gesu, Paola.

Hija esebiet dokumenti in sostenn ta' dak li ghadha kif xehdet li l-Qorti mmarkat komplessivament bhala Dok Z. Ix-xhud sostniet li huma ma jafux fejn ikunu qeghdin joqghodu ghax dan hu biss ir-*registered address* taghhom.

**Lawrence Stivala** xehed fil-15 ta' Mejju 2013 fejn iddikjara li jigi missier Amanda Leah Stivala u Kyle Farrugia huwa binha. Huwa stqarr li l-bicca l-kbira Kyle Farrugia joqghod mieghu ghalkemm gieli jmur ghand ommu u jerga' jigi lura d-dar. Ix-xhud joqghod Block F, Flat 1, Qasam Hal Tmiem, Zejtun. Illum Kyle ghandu sittax-il sena u stqarr li ilu minn dejjem jghix maghhom. Huwa jaf li Amanda u Justin joqghodu Rahal Gdid wara l-HSBC u jahseb li ilhom jghixu hemm xi erba' jew hames snin. Mistoqsi jekk jafx id-data tat-twelid ta' Kyle wiegeb li ma jafx.

**L-Ispettur Robert Said Sarreo** xehed fil-5 ta' Gunju 2013 fejn iddikjara li huwa spettur stazzjonat fl-ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar. Huwa kien gie notifikat sabiex jixhed f'dawn il-proceduri dwar diversi tentattivi ta' notifika li saru kontra Justin Fenech. L-

Ispettur spjega li Justin Fenech ghandu kawza ghaddejja quddiem il-Magistrat Dr Saviour Demicoli fis-seduta ta’ Haz-Zabbar u l-ewwel dehra kienet fit-30 ta’ Awwissu 2011. Dakinhar Justin Fenech ma kienx gie notifikat u l-kawza kienet giet differita ghall-11 ta’ Settembru 2012 izda Justin Fenech rega’ ma kienx gie notifikat. Huwa qal li Justin Fenech kien gie notifikat sabiex jidher il-Qorti ghas-seduta li kellha tinzamm fis-27 ta’ Novembru 2012 liema notifika kienet saret lilu fil-font 28, Triq il-Qalb ta’ Gesu, Paola. Nonostante dan Justin Fenech ma kienx tela’ ghal din il-kawza u kien hariglu mandat ta’ arrest pero’ l-mandat ma kienx gie esegwit ghas-seduta tas-26 ta’ April 2013 izda kien esegwit ghas-seduta tal-15 ta’ Mejju 2013 fil-font 28, Triq il-Qalb ta’ Gesu, Paola. Filfatt dakinhar kien deher il-Qorti assistit. Mistoqsi jekk ghandux kopja tar-rifera wiegeb li m’ghandux ghax giet esebita quddiem il-Magistrat li effettivament kien hareg il-mandat.

**Amanda Lee Stivala** xehdet in kontro ezami fis-26 ta’ Gunju 2013 fejn iddikjarat li hija ghandha zewgt itfal li wiehed minnhom Kyle Farrugia li ghandu sittax-il sena jghix ma’ ommha. It-tieni wild taghha ghandha sena u disa’ xhur u tghix maghha. Hija tara lit-tifel fil-weekends jew meta tmur ghand ommha. Hija tghix Rahal Gdid, 28/30, Hniena Divina, Triq Qalb Imqaddsa, Rahal Gdid. Mistoqsi kienx xi numru differenti fil-passat wiegbet li iva pero’ ma tiftakrux dan in-numru. Mistoqsi jistax ikun 82/82B wiegbet li ma tafx bl-ezatt pero’ dan il-post kellu l-istess isem.

Mistoqsi jekk tahdimx l-attrici wiegbet li tahdem bhala kaxxiera l-Portomaso Casino u tahdem bix-shift. Hija ghandha tliet shifts filghodu, wara nofsinhar u bil-lejl. Mistoqsi jekk Justin Fenech jghixx maghha wiegbet li iva ilu jghix maghha ghal dawn l-ahhar erba’ jew hames snin. Hija kkonfermat li fl-2011 huma kienu bdew jghixu flimkien.

L-attrici giet murija dokument Z li hija ittra registrata u qalet li dwar din hija ma taf xejn. Mistoqsi jekk qattx jircievu xi korrespondenza fil-letter box taghhom qalet li iva gieli jircievu. Hija gieli rceviet xi korrespondenza minghand is-sinjuri Muscat pero' huma qatt ma ghamlu xi zmien ma jghixux hemm. Dejjem hemm. Mistoqsi jekk qattx baghat xi ittra fejn qalet li kellha titlaq mill-post tar-Rahal Gdid, Hniena Divina ghax il-post kien perikoluz hija ma tiftakarx li hija qatt baghtet xi ittra bhal din.

Hija tiftakar li fi Frar 2011 kienu baghtu xi ittra fejn kienu qed jitolbu xi danni hija esebiet kopja ta' din l-ittra flimkien ma' ricevuta appozita taghha u li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Z1 u Z2 rispettivament.

**Joseph Fenech** xehed fis-26 ta' Gunju 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' IT manager. Huwa kkonferma li huwa kien baghat ittra ufficjali lill-intimati. Din l-ittra ufficjali ghandha n-numru 1666/11 u hi datata 18 ta' April waqt li l-kontijiet tal-ilma esebiti fl-atti huma Jannar – Marzu 2011. Huwa stqarr li gieli jarah lit-tifel ta' Amanda pero' mhux spiss. Huwa gieli jmur mal-partner taghha ghand ommha. It-tifel ta' Amanda gieli gie ghandhom pero' ma jghixx maghhom.

Rat l-affidavit ta' **Christian Muscat** li gie pprezentat fis-27 ta' Novembru 2013 fejn iddikjara li hu u martu kienu bieghu l-fond 'Hniena Divina', Triq Qalb ta' Gesu, Paola lil Justin Fenech u lil Amanda Lee Stivala. Meta gew biex jaghmlu l-kuntratt nizzlu l-prezz kollu fuq il-kuntratt u l-atturi kellhom jiehdu loan mill-bank pero' kienu qalu lill-konvenuti li l-bank kien se jasal sa certu punt u ma jaghtihomx kollox. Ghalhekk ftehmu li jhallsu b'rati ta' hamsin lira fix-xahar fil-bidu u mbaghad telghat ghal mitt lira Maltin. Il-ftehim kien ukoll li l-ewwel sena tkun minghajr interessi u wara tkun bil-5% fil-mija.

Il-konvenut tenna li fil-bidu l-atturi kienu jhallsu, pero' mbaghad waqfu fl-2010 u kien ghad baqa' bilanc ta' €6069 u dan minbarra l-imghax. Huwa spjega li kien hemm skrittura privata li tghid li l-konvenuti kellhom dritt ghall-ammont kollu jekk ikun hemm zewg skadenzi mhux imhallsa. Din ghamluha bi skrittura privata minflok b'kuntratt ghax il-bank ma setghax jaccetta li jkun hemm ipoteka wara tieghu minhabba l-komplikazzjonijiet bankarji u kienet kundizzjoni tas-self.

Huwa qal li wara Ottubru tal-2010 ma bdewx ihallsu l-atturi, kienu jmorru fuq il-post u ma kienux isibuh hemmhekk. Il-mara tax-xhud kienet tmur aktar spiss u peress li huma kienu joqghodu 105, Cospicua Road, Paola, f'dan il-post kienet issaqsi wkoll lill-girien ghalihom. Huwa kien imur iwassalha u kien joqghod fil-karozza fil-kantuniera. Huma bdew jibghatu l-ittri lill-attur u jitfghulu l-istess ittri fil-letterbox u bghatulu ittra registrata wkoll fuq il-post li bieghawlu izda qatt ma ngabret u giet lura.

Il-konvenut iddikjara li fit-2 ta' Frar 2011 kien baghat ittra ufficjali permezz tal-avukat Dr Franco Galea fejn ilmenta illi kien sab xi hsara fil-post. Din l-ittra ma giet segwita bl-ebda citazzjoni u ghamel din it-talba wara li kienu ghaddew hames snin. Ftit wara rcevew ittra minghand l-avukat tieghu fejn kien qed jipretendi li jpacu d-dejn, fejn jaghtihom elf ewro u jinsew il-kumplament.

Il-konvenut stqarr illi meta raw li kull tentattiv kien ghalxejn, ghamlu ittra ufficjali f'April 2011 tal-166A. Lill-atturi nnotifikawhom f'Block F, Flat 1, Qasam Hal Tmiem, Zejtun. Huwa u l-mara kienu taw dan l-indirizz lill-avukat ghax damu jaghmlu ricerki fejn kienu wara li ma kinux fil-post u huma kienu jmorru spiss. Huma kienu waslu ghaz-Zejtun fejn Amanda Lee Stivala kienet toqghod meta kellha t-tifel iz-Zejtun. L-atturi ma kienux koppja illi jaraw lil xulxin darba fil-gimgha imma kienu jghixu bhala

mizzewgin. Filfatt sakemm damu jhallsu kienu joqoghdu flimkien fil-post li bieghawlhom il-konvenuti u wara sparixxew mill-post.

Ix-xhud iddikjara li xi gimgha qabel bdiet il-kawza tal-Qorti u gie l-avviz tas-seduti, l-atturi regghu gew joqoghdu fil-post. Huwa jaf dan ghadx kien imur jixtri l-gazzetti mill-vicin u kien jara t-tieqa miftuha u l-hwejjeg minxurin fuq il-bejt. Huwa gieli raha gejja mix-xoghol filghodu fis-sebgha u tipparkja fil-vicinanzi tal-post.

Huwa stqarr li kien hemm differenza bejn iz-zmien ta’ qabel meta kienu jmorru jfittxuhom u ftit granet qabel bdiet din il-kawza. Huwa qatt ma kellem lil Justin Fenech jew lil Amanda Lee Stivala personalment. Pero’ jaf li l-mara kellmithom.

Rat l-affidavit ta’ **Agnes Muscat** li gie pprezentat fis-27 ta’ Novembru 2013 fejn iddikjarat li ghamlu kuntratt mal-atturi biex jinbiegh il-post taghhom ‘Hniena Divina’, Triq Qalb ta’ Gesu, Paola. Dan kien meta l-konvenuti keinu joqghodu 105, Cospicua Road, Paola. Filfatt il-post ‘Hniena Divina’, Triq Qalb ta’ Gesu, Paola huwa vicin hafna tal-konvenuti u hija tghaddi minn quddiemu kuljum ghax tmur il-quddiesa fil-parrocca ta’ Kristu Re ta’ Rahal Gdid. Hija spjegat li meta ghamlu l-kuntratt, Justin Fenech u Amanda Lee Stivala kienu qalu li ma hadux l-ammont kollu mill-Bank u riedu jaghmlu kitba bejniethom halli parti mis-somma naghtuhielhom b’self il-konvenuti u sussegwentement kienu se jhallsu bil-hamsin lira fix-xahar dak iz-zmien. Wara kellha titla’ ghal mitt lira fix-xahar. L-ewwel sena kellha tkun minghajr interess u wara b’interess ta’ hamsa fil-mija. Bi skrittura tal-20 ta’ Mejju 2004 l-istess atturi kienu accettaw li depozitu mal-konvenju ma kienux hallsuh u barra minn hekk hallsulhom Lm2,300 bolol u spejjez tal-kuntratt. L-atturi kienu qalu illi ma kinux gabru l-flus mill-bank biex seta’ jsir dan. B’kollox gie l-ammont ta’ Lm6920.

L-atturi ghamlu xi hlasijiet u l-konvenuti kienu kuntenti li qed izommu l-pattijiet taghhom. Darba qabel il-Milied, Justin Fenech cemplilha u qalilha li kien gej il-Milied u kellu xi spejjez u din id-darba ma kienx se jhallashom. Hija qaltlu "ma jimpurtax, imbaghad hallas wara" u qaltlu wkoll "Happy Christmas". Wara huwa qalilha li kellu bicca negozju u minflok kien se joqghod ihallas bin-nifs u bl-imghaxijiet kien se jhallas f'daqqa. Pero' minn dak iz-zmien 'il quddiem ma hallas xejn izjed. Kien dak iz-zmien li l-attur qal li ghandu xi hsara fil-post. Huwa kien baghat ittra ufficjali imma baqghet minghajr ebda kawza. Il-konvenuti cahdu ghax kienu jafu li l-post kien fi stat tajjeb, barra li hu kien gab il-perit qabel xtrah biex seta' ha l-loan mill-bank.

Meta l-konvenuta rat illi ma kienx qed ihallas, hija kienet tmur tfittixhom fil-post u ma kinitx tarhom u dan mhux xahar jew tnejn. Hija qalet li gielu ghamlulhom ittri u waddbuhomlhom fil-kaxxa tal-ittri imma qatt ma kellha risposta.

Peress li hija tghaddi minn hemm ghall-quddies prattikament kuljum, sakemm ma tghaddix minn triq ohra, hija sostniet li kienet tinduna jekk il-post kien ikun uzat. Hija tafhom lin-nies ta' hemmhekk u gieli kienet tistaqsihom ukoll u kienu jghidulha li ilhom ma jarawhom. Dan il-post huwa b'zewg bibien, wiehed principali u l-iehor fil-genb hdejn xulxin u kienet osservat li sahansitra minn bieb minnhom kienet telghet xi haxixa minn bejn il-bieb u t-targa. Hija kienet tmur thabbat fuq il-post biex tkellmu halli jhallsuha. Wara li l-konvenuti bdew jibghatu ittri anke bl-avukat u ittri registrati, dawn qatt ma waslu. Hija kienet tmur filghodu pero' gieli meta r-ragel taghha li dak iz-zmien kien jahdem l-Enemalta u kien jahdem bix-shift, kienu jmorru filghaxija biex jaraw humiex hemm u xorta wahda ma' kien ikun hemm hadd.

Il-konvenuti baqghu jfittxu biex jaraw isibux l-indirizz fejn kienu marru joqghodu u fl-ahhar irnexxielhom isibhom l-indirizz ta’ fejn kienet toqghod Amanda Lee Stivala li kien iz-Zejtun. L-ewwel indikazzjoni li kellhom kien li kienu joqghodu Marsaskala imma l-post telquh. Huma fittxu fuq l-indirizz tieghu f’Marsaskala u sabu li m’ghadux joqghod hemmhekk u fittxu fuq taghha. Peress li l-atturi qalulhom fl-ittra ufficjali dwar il-hsarat li kienu se johorgu mill-post u jmorru joqghodu band’ohra allura baghtu l-ittra ufficjali z-Zejtun. Dan kien l-indirizz li kellhom qabel Amanda Lee Stivala kienet ghamlet il-kuntratt. Hija qalet ukoll illi t-tifel ta’ Amanda Lee Stivala kien joqghod maghhom.

Il-konvenuta spjegat li darba minnhom kien ilu ma jhallas, hija cemplitlu fuq il-mobile u kien qalilha biex tmur il-post u jhallasha b’cekk. Dan kien tard filghaxija. Filfatt nizel it-tifel u taha c-cekk hu. Ir-ragel taghha kien wassalha, kien maghha imma kien baqa’ ftit ‘il boghod.

Ftit qabel bdiet din il-kawza, l-atturi regghu gew joqoghdu fil-post. Hija mhux biss setghat tosservahom imma sahansitra rat lil Amanda Lee fil-gallarija. Hija qalet li dak iz-zmien il-bibien ta’ barra kienu mahmugin u sahansitra kienet tiela’ haxixa minn taht bieba minnhom. Pero’ llum dawn huma ndaf tazza.

**Justin Fenech** xehed fit-12 ta’ Frar, 2014 fejn iddikjara li hu waqaf ihallas lill-konjugi Muscat ghal perjodu ta’ zmien minhabba ragunijiet differenti fosthom li kien hemm difetti fis-saqaf tant li waqa’ x-xorok tas-saqaf. Huwa kien stedinhom sabiex jigu jaraw il-hsara li kien hemm izda l-konjugi Muscat irrifjutaw li jigu. Huwa spjega li kien tkellem mal-perit originali taghhom tad-dar kif ukoll mal-perit tieghu u kien hemm ammont sostanzjali ta’ hsara u kien hemm spejjez li kellhom isiru. Mistoqsi jekk huwa ghamilx xi kawza minhabba din il-hsara wiegeb li ma ghamilhiex.

**Amanda Lee Stivala** xehdet fit-12 ta' Frar, 2014 u kkonfermat li kienet thalli lil binha Kyle jghix mal-genituri taghha. Hija spjegat li t-tifel gieli jmur ghandhom xi darba fil-gimgha u gieli kienu jmorru jarawh huma ghand il-genituri taghha. Huwa gieli mar ghandhom anke darbtejn fil-gimgha. L-attrici ddikjarat illi huma kienu jghixu f'dak il-post in kwistjoni waqt li kienu qed jirrangaw is-saqaf tal-post. Mistoqsi jekk qattx kellhom xi ittri ghall-familja Muscat gol-kaxxa tal-ittri taghhom wiegbet li ma tiftakarx li qatt kien hemm. Hija sostniet li t-tifel Kyle qatt ma kien jghix maghhom

**Kyle Farrugia** xehed fit-12 ta' Frar, 2014 u qal li ghandu sbatax-il sena. Huwa ddikjara li jaf x'inhu gurament u jaf li ghandu jghid il-verita'. Ix-xhud spjega li huwa jigi t-tifel ta' Amanda Lee Stivala u twieled fit-13 ta' Awwissu 1996. Huwa stqarr illi jista' jkun li huwa darba minnhom kien ghadda xi cekk lill-konjugi Muscat. Ix-xhud gieli kien ikun ghand ommu gewwa Rahal Gdid u filfatt kien imur xi darbtejn fil-gimgha. Huma gieli kienu jmorru jarawh iz-Zejtun. Huwa kienu imur l-iskola De La Salle meta kellu erbatax-il sena u naturalment jaf jikteb u jaqra.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza u dan fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2014.

**Ikkunsidrat**

Illi bhala fatti mill-provi jirrizulta s-segwenti:-

1. Illi l-intimati odjerni kienu pprezentaw ittra ufficcjali ai termini tal-**Artikolu 166A** nhar it-18 ta' April 2011 (Dok B a fol. 14 tal-atti processwali) kontra r-rikorrenti odjerni.

2. Illi minn ezami tal-kopja ta' din l-ittra ufficcjali esebita fl-atti a fol. 4 et seq jirrizulta li l-intimati kienu taw bhala indirizz tar-rikorenti l-fond Block F, Flat 1 Qasam Hal Tmiem, Zejtun.

3. Jirrizulta wkoll mit-timbru tal-purtier Carmel Farrugia datat 27 ta' April 2011 li din l-ittra ufficcjali waslet fid-destinazzjoni taghha z-Zejtun nhar it-23 ta' April, 2011.

4. Jirrizulta mit-tibru tal-pustier Giulia Cremona datat 23 ta' April 2011 li d-dokument thalla f'idejn Kyle Farrugia ta' karta tal-identita' numru 336996(M).

Illi bhala fatti ma jidhirx li huma kontestati. Jidher pero' li l-intimati qed isostnu li din in-notifika hija valida u dan ghaliex thalliet ma' iben ir-rikorrenti Amanda Lee Stivala li kellu aktar minn erbatax-il sena u li in oltre fiz-zmien meta huma nnotifikaw lir-rikorrenti kienu qeghdin jghixu fir-residenza ta' omm Amanda Lee Stivala z-Zejtun. Ir-rikorrenti min naha l-ohra jghidu li n-notifika mhix valida ghaliex thalliet ma' bin Amanda gewwa fond fejn ma kienux qed jirrisjedu. Ir-rikorrenti kkonfermaw li l-fond residenzjali taghhom huwa 30 Hniena Divina, Triq il Qalb Mqaddes, Paola kif del resto hemm indikat fil-kontijiet tad-dawl u ilma, kif indikat fir-registru elettorali ta' Otttubru 2007, kif indikat mill-Ispettur Robert Said Sareo li qal li innotifika lil Justin Fenech b'citazzjoni tad-distrett fil-fond indikat lilu gewwa Rahal Gdid u f'ittra ufficcjali mibghuta minnhom stess lill-intimati fi Frar 2011 fejn l-intimati kienu gew interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni kagunati minnhom lir-rikorrenti.

Ir-rikorrenti in sostenn tat-talba taghhom u cioe' sabiex jipprovaw li huma jirrisjedu fil-fond il-Hniena Divina, Triq il-Qalb Mqaddes, Rahal Gdid resqu diversi

xhieda. Fl-ewwel lok xehedu huma stess u kkonferma li nonostante li kellhom il-hsara fil-fond fi Triq il-Qalb Mqaddes, Rahal Gdid huma baqghu jghixu hemm. Fil-fatt esebew kont tad-dawl u ilma fuq dan il-post li jkopri l-perjodu sa April 2011 u jindika li kien hemm kont sostanzjali fl-ammont ta' elf, tliet mija u erbgha u tmenin ewro u tnejn u erbghin centezmi (€1384.42) pendenti u konsum relattivament gholi li jindika li fil-fond kienu qed jghixu n-nies. Ressqu lill-Ispettur Robert Said Sarreo li qal li huwa kien ha hsieb ta notifika ta' citazzjoni li kien hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront ta' Justin Fenech u wara diversi tentattivi kien innotifikah fl-istess fond f'Rahal Gdid. Ressqu lil Emeriziana Agius tixhed ghan-nom u in rapprezentanza tal-ufficcju Elettorali u din ikkonfermat li skond ir-records mizmuma minnhom irrizutalha li minn Ottubru 2007 sa Ottubru 2011 Amanda Lee Stivala kienet tghix fil-fond 28 Triq il-Qalb ta' Gesu, Rahal Gdid waqt li Justin Fenech kien jghix maghha f'dan il-fond minn April 2008 sa Ottubru 2011 u ghalhekk fil-perijodu tan-notifika tal-ittra mill-pustier huma kienu jghixu Rahal Gdid. Illi mhux kontestat li Kyle kien jghix man-nanniet paterni kif del resto ikkonferma Lawrence Stivala stess a fol. 38.

L-intimati qed isostnu li minkejja li Kyle Farrugia kien il-persuna li gie notifikat bl-att tal-Qorti huwa kellu aktar minn erbatax-il sena u ghalhekk setgha ghadda dan id-dokument lill-ommu. Wara kollox jirrizulta li kien imur jaraha ta' spiss almenu darbtejn fil-gimgha. Jemmnu ukoll ghalhekk li la r-rikorrenti ma kkontestaw l-ittra ufficcjali fi zmien ghoxrin jum kif tirrikjedi l-ligi allura llum il-gurnata huma ghandhom titolu ezekuttiv a bazi tal-istess notifka.

Ghalhekk huwa dover ta' din il-Qorti sabiex tara jekk fid-dawl tal-provi kif prodotti n-notifika li saret f'idejn Kyle Farrugia hiex valida jew le.

Jibda biex jinghad li l-Ligi tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili, Kap 12, hija ta' ordni pubbliku u trid tigi osservata *ad litteram* - Vol XVII p1 p 879:

Il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u kwindi ghandha tigi "*osservata alla lettera e non per equipollens".*

Ir-rekwiziti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' ordni pubbliku u bhala tali ghandhom jigu osservati *ad unguem*. (ara Qorti ta' l-Appell 14.06.2001, **Maltacom plc vs Carmel u Mary Doris Muscat**).

Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Lulju, 2003 fl-ismijiet **Said International Limited vs MAC Limited *et*** inghad li:

*"Huwa indiskuss illi n-notifika ta' atti gudizzjarji hi regolata bid-dispozizzjonijiet specifici fil-Kodici ta' Procedura (Kap. 12) u li l-validita` taghha tista' biss tregi jekk jigi pprovat konklussivament illi n-notifika saret skond kif fl-istess dispozizzjonijiet mahsub."*

Biex in-notifika tkun wahda valida, trid issir skont id-dispozizzjoni tal-**Artikolu 187**, li jistipula:

**Art 187(1) tal-Kap12** - "*In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-*

*persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha."*

Ghalhekk notifika ssir bil-kunsinna ta' skrittura:

- lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew
- billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar, jew · f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna, jew
- f'idejn il-prokuratur taghha, jew
- persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha.

Fid-decizjoni fl-ismijiet "**Alessandro Delhin –vs- Antonio Darmanin et**", Appell Civili 9 ta' Novembru 1927, "da tale disposizione si desume essere duplice la forma legale della notificazione di atti giudiziari, quella per cui la consegna della copia si fa direttamente alla persona da esserne notificata, o quella per cui la si fa indirettamente, col lasciare la stessa copia nella casa di abitazione o nella sede di affari della persona da notificarsi, nel quale ultimo caso pero` la consegna della copia della scrittura si deve fare o ad un membro della famiglie, o ad un addetto alla casa o al servizio della persona medesima."

Dan iwassal li n-notifika trid issir jew fil-lok fejn toqghod persuna jew fejn tahdem.

Fir-rigward tal-validita' ta' notifika ghall-finijiet ta' proceduri gudizzjarji hija opportuna l-osservazzjoni tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza App.Civ.

**<u>Dottor Michael Gialanze vs Sjakk Van Vleit</u>** [2000] Vol.LXXXIV.II.447 fis-sens li z-zmien ta’ ghoxrin gurnata li l-ligi taghti lill-konvenut biex jirrispondi ghan-nota ta’ eccezzjonijiet ghandu jkun wiehed reali u mhux virtwali fis-sens illi l-konvenut kellu jkun materjalment notifikat – insenjament bazat fuq il-finalita’ tad-disposizzjoni tal-ligi li tirrikjedi nnotifika ta’ l-atti gudizzjarji: u kostruwit fuq il-principju tal-*audi alteram partem* inkorporat fid-dritt fundamentali tas-smiegh xieraq.

Illi l-avukat difensur tal-intimati sostna li anke jekk in pessima ipotesi jaqbel li r-rikorrenti kienu qed ighixu Rahal Gdid u mhux iz-Zejtun fejn thalliet il-kopja xorta n-notifika hija valida ghaliex thalliet ma’ Kyle Farrugia li huwa bin Amanda Lee Stivala u konsegwentement membru tal-familja’ kif nifhmuha llum stante li Justin Fenech huwa l-partner ta’ Amanda Lee. Din il-Qorti thoss li dan l-argument kien ireggi kieku n-notifika saret fir-residenza ta’ Amanda Lee Stivala u Justin Fenech Rahal Gdid u thalliet f’idejn Kyle Farrugia. Pero’ la n-notifika saret f’residenza separata u distinta minn dik fejn effettivament jirrisjedu r-rikorrenti, **il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati u tilqa’ t-talbiet rikorrenti u dan billi qed tiddikjara bhala nulla u konsegwentement qieghda tirrixxendi t-titolu esekuttiv ottenut mill-intimata in segwitu ghall-ittra ufficcjali pprezentata nhar ai termini ta’ l-Artikolu 166 (5) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta’ Malta u dan ai termini tal-istess Artikolu 166A (5) (i) u tordna konsegwentement li din id-decizjoni tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Spejjez a karigu tal-intimati.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------